**Minuti tas-Seduta 13 li saret fl-Ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Mosta nhar it-Tnejn 21 ta' Jannar 2008 fit-8.30 p.m.**

| | | |
|---|---|---|
| Sindku Paul Chetcuti Caruana | 8.30 p.m. | 11.30 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 8.30 p.m. | 10.10 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | Skużat | |
| Kunsillier Mario Sammut | 8.30 p.m. | 11.30 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 8.30 p.m. | 11.30 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 8.30 p.m. | 11.30 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | Skużat | |
| Kunsillier Kirby Fenech | 8.30 p.m. | 11.30 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 8.30 p.m. | 11.30 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | 10.20 p.m. | 11.30 p.m. |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 8.50 p.m. | 11.30 p.m. |

Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal laqgħa.

**1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 12 tat-3 ta' Diċembru 2007**

Kienu meħuda bħala moqrija peress li kienu ċirkolati jiem qabel. Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki jew korrezzjonijiet. Is-Segretarju qal illi kien hemm żball f'item 4.1 għaliex kienu tnejn l-iskedi għal ħlassijiet li ġew approvati u mhux waħda kif kien jidher. Dan sar bi żvista. It-total kien jammonta għal Lm 28,568 u mhux għal Lm 13807.20. Dan ġie aċċettat u peress li ma kienx hemm aktar rimarki, il-minuti tressqu għal approvazzjoni. Issekonda il-Kunsillier Mario Sammut. Il-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**

2.1 Dwar item 3.3 gie muri kampjun ta' bollard holder maħdum bl-idejn mingħand ħaddied u oħra tal-*cast iron* ta' barra. L-irħas kienet dik tal-'*cast iron*'. Ġie deċiż li jekk ma jinstabx mezz irħas għandha issir dik tal-'cast iron' ta' barra. Ġie ssuġġerit ukoll jekk jistax isiru b'mod aktar sempliċi bin-nies tal-IPSL li għandu miegħu l-Kunsill. F'kull każ jidher li ser ikun diffiċli jitlestew qabel il-Ġimgħa l-Kbira ta' din is-sena.

**3. Korrispondenza**

3.1 Seminar Informattiv Dwar Żwiġijiet. Ġie deċiż li tattendi l-Viċi Sindku Mrs .Josette Agius Decelis .

3.2 Ittra mingħand Mingardi sabiex jiġġedded kuntratt ta' kooperazzjoni Cinema Nuovo. Billi dan jinvolvi spejjes u ftit wisq valur ġie deċiż li ma jsirx ftehim ieħor.

3.3 Rikjesta sabiex isir Cultural Festival minn Samaa El Naħħal bil-parteċipazzjoni ta' Anna Grech tal-Youth Empowerment Centre u 25 pajjiż fis-Sala tal-Kunsill. Ġiet aċċettata billi ipproppona l-Kunsillier Mario Sammut u sekondat il-Kunsillier Dr Shirley Farrugia.

3.4 Ġew ippreżentati kwantita ta' ittri dwar ħsarat ta' vetturi min ħofor fit-toroq wara l-maltemp. Ġie spjegat li qed isir programm ta' *patching* mat-toroq kollha tal-Mosta bi stima ta' spiża fuq Lm 21,000 (Euro 48,916.84). Ma għadniex naċċettaw *claims* għal spejjes fuq vetturi jekk ma jiġux verifikati bil-qorti.

3.5 Ġiet aċċettata talba tat-TCTC li jerġaw isiru korsijiet tal-compjuter bi spiza ta' Lm 475 għal 200 post. Ma jinħarġux aktar flus anke jekk ikun hemm domanda ikbar.

3.6 Tressqet talba għall-Sleeping policeman fi Triq il-Kbira min residenta Katrina Spiteri. Ma kienx rakkomandat li jsiru minħabba diversi raġunijiet fosthom li din hi triq prinċipali u li jikkawżaw ħafna ħsejjes jekk dawn jitwaħħlu.

3.7 Talba għal parteċipazzjoni fil-programm televiżiv 'Ħadd Għalik'. Ebda kunsillier ma wera x-xewqa li jipparteċipa u għalhekk it-talba ġiet rifjutata.

3.8 Lilly of the Valley School għamlu talba għal donazzjoni ta' flus għal kotba. Din ġiet aċċettata unanimament għal ammont ta' sittin lira Maltin (Euro 139.76).

3.9 Talba għal 'Street Advert ' fil-Pjazza Rotunda ġiet rifjutata. Għandu jsir studju dwar is-sitwazzjoni ta' ħlas fuq dawk l-adverts li kien twaħħlu żmien ilu f'diversi toroq tal-Mosta.

## 4 Materji Finanzjarji

4.1 Dwar il-kwistjoni tal-pagamenti tat-'Teachers' tal-korsijiet edukattivi li saru fis-sajf tas-sena l-oħra u li għadhom pendenti, il-Kunsill aċċetta r-responsabilita kollettiva li dawn saru bi skop purament edukattiv u għalhekk għandhom jitħallsu l-għalliema kollha anke jekk mhux is-suġġetti kollha huma ta' natura edukattiva primarja u għalhekk suppost għandha toħroġ riċevuta. Darba oħra dan għandu jiġi spjegat lill-għalliema li normalment huma eżentati milli jagħtu riċevuta għall-suġġetti edukattivi primarji biss. Din ir-riżoluzzjoni.bi proposta ta' Sinjura Agius Decelis u ssekondata minn Dr. Shirley Farrugia ġiet mgħoddija.

4.2 Ġie deċiż li jiġi xolt arranġament ta' manutenzjoni mad-ditta Strand Electronics fuq photocopier ġdida li permess tiegħu titħallas sitt milleżmi Maltin fuq kull kopja. Dan sewa f'sena waħda biss kważi daqs kemm tiswa photocopier ġdida.

4.3 Ġie deċiż ukoll li jiġi xolt wkoll arrangament mad-ditta 'Calmic' ta pagament mensili fuq apparat ta' igene f'żewġ toilets.

4.4 Ġie iffissat meeting ma tal-'General' nhar l-Erbgħa 23 ta' Jannar 2008 fis-14.30 p.m. biex jiġu indikati xogħlijiet mhux aċċettabbli li jidhru fil-paviment tal-Pjazza Rotunda. Ġie deċiż li s-sur De Martino (ex-sindku) jiġi mitlub jattendi dan il-meeting. Il-pożizzjoni finanzjarja ta' dan il-proġett għandha tiġi diskussa biss wara li jsir aġġustament ta' dawn id-difetti.

4.5 Ġiet ippreżentata nota iffirmata ta' tibdil fil-kuntratt tax-xogħol tas-Sur Philip Azzopardi l-handyman tal-Kunsill li permezz tiegħu is-Sur Azzopardi offra b'mod volantarju 3 sigħat xogħol kuljum bla ħlas. Dan ġie approvat unanimament.

4.6 Ġew ippreżentati kopji ta' risposta għall-*Managemnt Letter* u *Business Plan*. Tqassmu kopji lill-Kunsilliera kollha u dawn ġew approvati unanimament.

Ġew approvati unanimament 3 listi għal pagamenti 1) Petty Cash għall-ammont ta Lm 29.70(Euro 69.18) , 2) Pagamenti ta' kredituri għall ammont ta Lm 47014.66(Euro 109,514.69) u 3) Pagamenti li sar urġenti għall-ammont ta' Lm 23429.66 (Euro 54,576.43).

F'każ ta' Zarb Anton item Nru 54 fuq il-lista ta' kredituri ġie mitlub mis-segretarju li dan jivverifika kif dawn il-bankijiet tal-pjazza rotunda ġew jistwew daqs tant u jirraporta lura l-Kunsill qabel isir il-pagament.

## 5. Ħruġ u Għotja ta' Tenders

Is-Sindku ressaq il-lista ta' ħruġ u għotja ta' tenders kif gej:

5.1 Ser jinħareġ b'mod immedjat tender għall-paviment mill-ġdid ta' 9 toroq u 2 pjazzez wara ta' Maria Restaurant. Jingħataw 3 ġimgħat għat-tfiħ ta' bids. Ippropona Kunsillier Mario Sammut u ssekonda Il-Perit Chris Grech. Għandha issir applikazzjoni qħal spustjar tas-siġar lill-awtoritajiet.

5.2 Ingħata tender tal-assistent legali (avukat) lis-Sur Joseph Mifsud bil-prezz ta Lm 1,800 (Euro 4193) fis-sena. Ġie spjegat kif dan huwa wisq aktar vantaġġjuż minn dak li kellu qabel il-Kunsill billi qabel kien isir pagament

ta' kull ħaġa li jgħamel l-avukat inkluż meetings u telefonati minbarra pagament annwali.

Dan ġie approvat bi proposta tal-kunsillier Mario Sammut u sekondant Chris Grech.

5.3 Ingħata l-kuntratt tat-tneħħija tal-konok li Triq il-Kostituzzjoni lis-sinjuri Raymond Micallef u Martin Curmi. Dan gie approvat bi proposta tal-Kunsillier Mario Sammut u ssekondat minn Perit Chris Grech.

5.4 Ingħata l-kuntratt ta' bini tat-toilets għall-persuni b'Dizabilita lill EMM Ltd approvat bi proposta tal-Perit Chris Grech u ssekondat mill-Kunsillier Mario Sammut.

5.5 Ġiet approvata sejħa għal kuntratt ta' Handyman/Messaġġier b'żieda ma' dak li għandu l-Kunsill . Daħlet applikazzjoni waħda,li għandha tiġi assessjata mil-Kumitat tal-Kuntratti u mill-avukat u wara tersaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-persuna magħżula għandha tagħmel xogħol ta' Driver, xogħol ta' catering u waiter kif ukoll xogħol ta' l-injam u bżonnijiet oħra. Dan ġie propost mill-Kunsillier Mario Sammut u ssekondat mill-Kunsillier Dr Shirley Farrugia.

5.6 Rigward il-proġett ta' Bistra, gie deċiż li xogħol tal-inġinier ta' l-elettriku u tqegħid ta' pajpijiet għas-servizzi tad-dawl u telefon etc jiġi mogħti b'direct order sabiex ix-xogħol ma jaqax lura.

Filwaqt li l-Inġinier ser jitħallas mill-Kunsill, Heritage Malta ser tħallas għat-tqegħid tal-pajpijiet.

Kunsillier Mario Sammut u Dr Shirley Farrugia ipproponew u ssekondaw din il-proposta rispettivament.

## 6. Fuljett tal-Kunsill

Is-Sindku spjega kif l-editur tal-fuljett is-sur Ivan Bartolo għamel xogħol utli u mqit ħafna fuq il-pubblikazzjoni tal-fuljett u ippropona li jsir qbil fil-prinċipju li dan jiġi rimborzat minħabba spejjes li jgħamel. Ippropona ukoll li s-Sinjura Marvin Brincat titħallas 20 % fuq riklami miġbura. Huma stmat li dan il-fuljett jinfeda bir-riklami miġbura.

Irrakomanda wkoll li jitħallsu l-Union Press is-somma ta' Lm 1095+ VAT Lm 54.75 (total ta' Lm 1149.75) (Euro 2678.20) fuq xogħol ta' printing. Il-prezz tela aktar milli kien maħsub għaliex żdiedu l-paġni minħabba l-kwantita ta' reklami miġbura li rrendew dan l-istampar u tqassim tal-fuljett

*self-funding*. Dan jawgura tajjeb ħafna għall-ħarġiet futuri. L-għaqdiet Mostin għandhom jintalbu jikkontribwixxu artikli f'dan il-fuljett.

Dawn il-proposti ġew aċċettati unanimament mill-membri preżenti.

**7. Kumitat Kultura**

7.1 Ġie spjegat program tal-karnival kif ippreparat mill-Kumitat tal-Kultura bl'għajnuna tas-Segretarju u staff tal-Kunsill. Ġiet proposta l-ispiża ta' Lm 400 – mill-flus tal-Kunsill. Il-Kumitat kien ser jitlob ukoll għajnuna finanzjarja mill-kommunita kummerċjali tal-madwar tal-pjazza biex jgħamlu tajjeb għall-ispejjes. Il-Kunsillier Kirby Fenech u Perit Chris Grech ipproponew u ssekondaw din il-proposta li għaddiet unanimament.

7.2 Ġiet proposta ta' xiri ta' Lm 100 ( Euro 232.94) kotba kif propost mill-Kumitat tal-Kultura. Dawn il-kotba tal-mibki George Mifsud Chircop u awturi Mostin oħra għandhom jintużaw aktar tard għall meta jsiru x-għotjiet. Ipproponiet il-Kunsillier Nicola Fenech Adami u ssekonda Mario Sammut.

**8. Grawnd tal-Lgħajba**

Is-Segretarju spjega kif skond ir-risposta tal-Management Letter hemm bżonn jiġi neguzjat ftehim ġdid għal ħlas lura tal-bilanċ fuq il-ħlas tat-turf tal-Grawnd tal-Lgħajba. Hemm bżonn ukoll li jinħatru firmatarji ġodda għal kont fil-Bank of Valletta ta' dan il-Kumitat.

Ġie propost li l-bilanċ ta' Lm 2,500 (Euro 5,823.43) jitħallas lura lill-Kunsill fi żmien 3 snin u il-Kunsillier Nicola Fenech Adami tkun il-firmatarja minn naħa tal-Kunsill.

Dan ġie aċċettat b'mod unanimu mill-Kunsill.

**9. Xiri ta van għall Kunsill**

Is-Sindku spjega li għall-qadi tal-Kunsill hemm bżonn ta' xiri ta' vann għaliex bil-mutur (scooter) mhux dejjem possibli jsir il-qadi u transport ta nies, materjal u superviżjoni. Dan minħabba kemm spazju kif ukoll maltemp u mhux possibbli jinsaq minn kulħadd. Sar qbil fil-prinċipju li jinxtara van magħluq ta' madwar Lm 5,000 (Euro 11,646.87). B'sejħa permezz ta' tender. Dan jista jkun wieħed tal-Japan second-hand f'kundizzjoni tajba. Ippropona sur Jimmy Camilleri u ssekondat Dr Shirley Farrugia.

## 10. Librerija

Ġiet milqugħa talba għall żjieda fl-ixkaffar tal-librerija. Reġgħet saret sejħa għall-laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija, Ministru tal-Edukazzjoni u il-Lands għat-tkabbir tal-Librerija.

## 11. Salarji tal-Impjegati tal-Kunsill

Billi kienet l-użanza li kull sena issir talba għaż-żieda skond l-iskala tas-salarji tal-Impjegati, is-Segretarju spjega lill-Kunsill illi huwa kien qiegħed jipproponi iż-żieda lill-impjegati kollha li huma intitolati skond riżoluzzjonijiet passati tal-Kunsill billi kien għadu fil-bidu fil-kariga tiegħu u ma xtaqx joħloq diżgwid fost l-impjegati. Is-sena li jmiss jkun f'pozizzjoni aħjar li jirrakomanda żieda jew le lill-individwi skond il-kontribuzzjoni u imġieba tagħhom .

## 12. Aġġornament fuq tkabbir tal-Uffiċini

Is-Sindku aġġorna il-Kunsill fuq ix-xogħol ta' estensjoni tal-uffiċini f'dik il-parti li qabel kienet tappartjeni fid-Dipartiment tal-Agrikoltura. Huwa spjega li l-maġġor parti tax-xogħol qed isir mill-handyman, u l-ħaddiema tal-IPSL. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Dr Shirley Farrugia is-Sindku irrisponda li qed isir kollox taħt is-superviżjoni u direzzjoni tas-Segretarju. Huwa biss ftit u fejn mhux possibbli li xogħol qed isir minn barranin. L-istess l-ispiża ser tkun waħda żgħira għax il-maġġoranza tal-affarijiet bħal suffetti, madum, parti mill-aluminium, kamra tal-banju, kċina kompluta, purtieri u affarijiet oħra nġabu permezz ta sponsors. Is-Sindku irringrazzja lill dawn l-isponsors u qal li fejn hu il-każ dawn jingħataw iċ-ċans li jirreklamaw fil-fuljett tal-Kunsill b'xejn bħala tpattija. Dan ma jiswiex flus lill-Kunsill għaliex kif intqal qabel (ara para 6.0 fuq) qed jinġabru aktar flus mir-reklami milli-spejjes tal-fuljett. Is-Sindku qal li jispera li din l-estensjoni tal-uffiċini tiġi inawgurata għall-aħħar ta' Frar b'ċeremonja xierqa. Huwa stieden lill-Kunsilliera u pubbliku preżenti sabiex wara il-laqgħa jżuru dawn l-estensjonijiet. Ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni min-naħa tal-Kunsilliera u dan ix-xogħol ġie approvat unanimament.

## 13. Website tal-Kunsill

Is-Segretarju spjega li jħoss li l-website tal-Kunsill għandha tingħata prijorita billi dik preżenti hi bil-wisq outdated u barra minn hekk mhix aċċessibbli mill-staff tal-Kunsill. Il-kuntratt kien skadut. Huwa wera x-xewqa li jinxtara l-istess 'domain' *mostalocalcouncil.com* li s'issa jidher li għadu mhux meħud. Ix-xogħol fuq il-website ġdida ser isir mill-voluntiera Mostin iżda b'mod professjonali. Tingħata 'presentation' u aktar dettalji fl-

laqgħat oħra. Ġie approvat dan il-pjan bla ebda oġġezzjoni mill-Kunsilliera preżenti.

**14.0 Kummenti u Suġġerimenti oħra**

14.1 Is-Sindku issuġerixxa li Ms Abigail Zammit tinħatar membru fil-Kumitat tal-Heritage. Dan ġie approvat unanimament.

14.2 Is-Sindku talab li jinxtraw 30 bank 24 minn dawn jitpoġġew f'Ta' Mlit u 6 fi pjazza Kurat Calleja. Ippropona Perit Chris Grech issekonda Mario Sammut.

14.3 Il-Kunsillier Mario Sammut talab li tiġi approvata is-somma ta' Lm 100(Euro 232.94) għall-attivita għall-Anzjani bejn Frar u Marzu. Din ġiet approvata unanimament.

14.4 Il-Kunsillier Dr Shirley Farrugia saqsiet x'ser isir mill-isqaq fi Triq Dun Mikiel Scerri. Il-Kunsillier Mario Sammut talab li Sqaq Xorxa jiġi ippavimentat ukoll. Is-Sindku irrisponda li sqaqien tal-Mosta ser jsiru kollha wieħed wara l-ieħor skond ma jippermettu ir-riżorsi tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Perit Chris Grech semma li taraġ tal-Isperanza għadu jinsab magħluq. Talab ukoll li Triq il-Parroċċa u parti minn Triq Kurat Schembri isiru *restricted access only*. Il-Kunsill qabel li ssir talba lill-ADT f'dan is-sens. Talab ukoll li isir survey tal-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta u jsir id-dawl u l-art għax din tinstab fi stat veru ħażin. Qal ukoll li Triq il-Katakombi ta' Bistra hija perikoluża.

Talab li jsir il-pagament dovut ta' Lm 200 (Euro 465.87) lill Każin tal-Banda Santa Marija. Dan ġie approvat unanimament.

14.5 Saru talbiet għal żjieda fil-bozoz tad-dawl mill-kunsilliera kif ġej:

1) Kunsillier Dr Shirley Farrugia –Bozza fi New Street in Winter Street.
2) Kunsillier Mario Sammut –F'Ponsomby Street u Triq l-Isperanza
3) Kunsillier Kirby Fenech-f'Ta' Mlit fi Triq l-Istiratur
4) Perit Chris Grech –Dawl fi Triq Misraħ Għonoq (wara Michael Attard)

Is-Sindku talab approvazzjoni għal 20 bozza. Issir dawra bil-lejl mat-toroq tal-Mosta flimkien mas-segretarju u jiġi deċiż il-postijiet fejn hemm bżonn ma dawk fuq imsemmija. Dawn ġew approvati wara li ippropona il-Perit Chris Grech u ssekondat Kirby Fenech.

14.6 Ġie deċiż li ssir bankina fi Triq Durumblat fejn dan l-aħħar sar inċident fatali. Għalkemm din it-triq taqa taħt l-ADT il-Kunsill ħass li għandu jagħmel din a spejjes tiegħu f'ġieħ l-interess tal-pubbliku.

Il-Kunsillier Grech talab ukoll li ssir oħra fi Triq Tumas Dingli bejn Triq il-Wata sa Triq San Silvestru. Din ġiet ukoll approvata.

14.7 Dr Shirley Farrugia saqsiet fuq il-patching li qed isir fit-toroq tal-Mosta u lmentat li qajla qed isir tajjeb. Is-Sindku żguraha li qed isir spezzjonijiet kontinwi u żgur lix-xogħol li qed isir ħafna aħjar minn qabel Dr. Farrugia qalet li jekk skada il-kuntratt tal-contracts manager (Perit Mariello Spiteri) għandu jerġa jinħareġ tender ieħor.

L-agenda ġiet eżawrita kollha.

Il-laqgħa spiċċat fil-11.30 p.m.

Dott. Paul Chetcuti Caruana
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Ezekuttiv